**Stqarrija Ministerjali mill-Prim Ministru, l-Onor. Joseph Muscat, dwar il-ħsarat li seħħew minħabba l-maltempata fi tmiem il-ġimgħa bejn it-23 u l-25 ta' Frar 2019**

Sur President, wara li lbieraħ filgħodu stess bdejt naġġorna lill-pubbliku bil-ħidma tal-Gvern biex jittaffew il-problemi li l-maltemp kien qed joħloq fi tmiem il-ġimgħa, illum xtaqt naġġorna lil din il-Kamra bil-ħidma li ma waqfet xejn matul dawn l-aħħar jumejn biex isiru interventi ta' emerġenza u jitranġaw id-diversi ħsarat kemm fl-infrastruttura, djar privati u anke kif dan affettwa ħajja ta' nies kemm direttament u anke l-ħobża ta' kuljum tagħhom.

Il-kordinament li kien hemm matul dawn il-jiem f'maltempata li skont l-Uffiċċju Meterjoloġiku ilha ma sseħħ f'pajjizna mill-11 Ottubru tal-1982, fejn infurmawni ftit tal-ħin ilu li rjieħat ilbieraħ laħqu l-massimu ta' madwar 72 *knot*, jiġifieri 133 kilometru fis-siegħa. Il-ħidma li saret f'dawn iċ-ċirkostanzi pjuttost estremi kienet waħda li tistħoqqilha kull apprezzament.

B'hekk xtaqt nibda billi f'isem il-Gvern, u f'isem il-poplu Malti u Għawdxi nirringrazzja lil dawk kollha li taw sehemhom matul l-aħħar jiem. Se nsemmi kemm nista' minn dawk kollha li ħadmu mingħajr ħinijiet.

Nibda billi nirringrazzja lill-ħaddiema tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivli u l-voluntiera tagħhom, kif ukoll lill-voluntiera tas-St John's Ambulance, li ma waqfux jaħdmu sal-lum stess biex ineħħu perikli mit-toroq tagħna, djar u anke jagħmlu salvataġġi ta' persuni maqbudin fi djarhom.

Fi 48 siegħa d-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili intervjena fuq madwar 486 sejħa għall-għajnuna. Id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili kellu l-għajnuna tal-Pulizija u fejn kien hemm bzonn anke l-armata biex jitwettqu xi interventi. Id-Dipartiment intervjena wkoll billi ġew evakwati xi nies li nqabdu fi djarhom ma jistgħux joħorġu. Erbatax-il persuna ġew evakwati minn Ta' Sliema u tnax-il persuna ġew evakwati minn zewġt ibnadi differenti fil-Birgu.

Kien hemm interventi fuq siġar li tqaċċtu jew waqgħu madwar Malta u Għawdex kollha, siġar u ġebel li waqgħu fuq karozzi, pannelli fotovoltajiċi u tankijiet tal-ilma li taru, soqfa li waqgħu, gallariji li ġarrbu ħsarat, *billboards* u sinjali li taru, arbli tad-dawl u *wires* perikoluzi u diversi affarijiet oħra li nqalgħu minn posthom u kienu ta' periklu għan-nies.

Il-Pulizija wkoll ħadmu wkoll bla heda biex jgħinu kull fejn kien hemm bżonn u joffru assistenza liċ-ċittadini fit-toroq u fi djarhom. Il-Forzi Armati ta' Malta taw l-għajnuna tagħhom kemm b'inġenji kif ukoll fi bżonnijiet oħra li nqalgħu, u komplew jagħmlu hekk matul il-ġurnata tal-lum.

Ħadmu bla heda u bla ħinijiet ukoll il-ħaddiema tat-tindif pubbliku, kif ukoll ħaddiema privati u tal-Environmental Landscape Consortium li kienu għaddejjin b'ħidma ma taqta' xejn biex inaddfu. Mill-bieraħ stess beda eżerċizzju ta' tindif ġenerali madwar Malta u Għawdex kollha biex il-pajjiz jerġa' lura għan-normal mill-iktar fis. Matul l-aħħar 48 siegħa inġabru iktar minn 155 tunnellata ta' *debris* mit-toroq ta' Malta u Għawdex. Sal-lejla huwa mistenni li jinġabru 30 tunnellata oħra. Dan kollu grazzi għal 180 impjegat tal-Gvern li qegħdin jaħdmu mat-toroq

u xtajtiet tagħna. Interventi maġġuri saru fix-Xemxija, Spinola, il-Balluta u l-*promenade* ta' Tal-Pietà. Tindif tat-toroq għadu għaddej u nistmaw li se jieħu sa tmiem il-ġimgħa.

Irrid nirringrazzja wkoll lill-ħaddiema ta' Transport Malta li kienu effiċjenti ħafna biex iżommu t-toroq tagħna kemm jista' jkunu siguri waqt din il-maltempata kollha. Ma' dawn kien hemm ukoll uffiċjali tal-LESA li ħadmu lejl u nhar u taw l-assistenza tagħhom f'inċidenti stradali li seħħew, li kienu madwar 111. L-ebda każ mhu rappurtat li kien inċidenti gravi relatati direttament mal-maltemp.

Fl-Enemalta kien hemm timijiet ta' ħaddiema li jaraw fejn ikun hemm ħsarat u jirranġaw kemm jista' jkun malajr. Bejn is-Sibt filgħaxija u s-sagħtejn tal-lum wara nofsinhar iċ-ċentru ta' assistenza tal-Enemalta daħlu 'l fuq minn 2,000 talba għall-għajnuna. Minnhom ġew identifikati 978 kaz ta' ħsara li ħafna minnhom tranġaw u oħrajn għaddejja ħidma fuqhom.

Tajjeb li ngħid li ma kienx hemm bżonn li t-*tanker* tal-gass jinħareġ minn postu ħdejn il-*power station* ta' Delimara.

Mill-Water Services Corporation ġie rrappurtat ukoll li seħħew ħsarat sostanzjali fuq il-*main* tal-ilma bejn Malta u Għawdex li jissupplixxi lil Għawdex bl-ilma. Dan huwa l-*main supply* tal-ilma għall-Għawdxin. Madankollu, qed issir ħidma biex l-Għawdxin ma jiġux affetwati minn qtugħ ta' provvista, hekk kif tibda' ssir it-tiswija, peress li għadha ma tista' ssir l-ebda tiswija bħalissa minħabba l-kundizzjonijiet tal-baħar. Dan jikkonferma d-deċizjoni għaqlija li diġà ħadna u ħabbarna li jkollna *reverse osmosis* f'Għawdex, fejn diġà ġie ffirmat il-kuntratt relattiv.

Fil-Wasteserv, partikolarment fl-impjant tal-Malta North, kellna ħsara sostanzjali fuq ħajt għoli tliet sulari li kien ta' periklu. Dawn il-ħsarat bdew jiġu rranġati minnufih wara li ttieħdu l-prekawzzjonijiet kollha, inkluż evakwazzjonijiet, sabiex il-ħaddiema ma jkunux f'periklu.

Nixtieq nirringrazzja wkoll lil dawk kollha li baqgħu għaddejjin b'ħidmiethom normali waqt din il-maltempata, bħax-xufiera tat-trasport pubbliku, xufiera ta' krejnijiet u anke bdoti u *cabin crew* tal-Air Malta u ta' linji ta' ajru li baqgħu joperaw, il-ħaddiema tal-ajruport u anke tal-Gozo Channel li żammew l-operazzjonijiet għaddejjin.

Il-ħaddiema fl-isptarijiet tagħna kienu wkoll *on alert*, għalkemm ma jidhirx li kien hemm rappurtati xi inċidenti fuq persuni direttament minħabba l-maltemp.

Il-ħidma u l-kordinazzjoni bejn dawn il-mijiet ta' persuni żamm il-pajjiz għaddej; huwa fi dmirna li nirringrazzjaw lil dawn il-mijiet ta' persuni. Għad fadal ħafna xogħol xi jsir speċjalment biex nevalwaw il-ħsarat kollha u li saru u nirranġaw is-sitwazzjoni ta' ħafna nies li ntlaqtu. Il-Gvern mhux biss qed iwassal is-solidarjetà bil-kliem, iżda se jkun qed juriha bil-provi billi ngħinu kemm jista' jkun persuni li ntlaqtu intortament minn din il-maltempata. Ovvjament iżda l-Gvern ma jistax jieħu post assigurazzjoni privata.

Bħalissa għaddej ezerċizzju komprensiv biex il-Gvern jikkwantifika kemm saru ħsarat f'dawn il-jiem ta' maltemp f'kull settur. Din l-evalwazzjoni qed titmexxa mid-Dipartiment tax-

Xogħlijiet Pubbliċi u Infrastruttura Malta, u għadha għaddejja. L-għan ta' dan l-eżerċizzju mhux biss huwa li tiġi identifikata u ssir stima tal-infrastruttura li saritilha ħsara viżibbli, iżda wkoll li tiġi identifikata infrastruttura oħra li setgħet ġiet milquta b'mod li għalissa ma jidhirx.

Kif ssir il-valutazzjoni se nkunu qegħdin nistudjaw liema fondi nistgħu nużaw biex inkopru spejjeż li setgħu nqalgħu minn dan il-maltemp. Kif ħabbart ilbieraħ filgħodu, il-Gvern beda jeżamina mal-ewwel l-possibilità ta' użu ta' fondi Ewropej relatati ma' diżastri naturali taħt il-European Solidarity Fund. Din l-applikazzjoni tista' ssir biss kif ikollna stima sħiħa tal-ħsarat. Għadu kmieni biex wieħed jgħid jekk nikkwalifikawx peress li l-ħsarat iridu jlaħħqu persentaġġ tal-*gross national income*. Irrid ngħid li hemm ukoll il-Crisis Reserve tal-Common Agricultural Policy għall-biedja, liema qasam se nitkellem dwaru dalwaqt. Hawn ukoll irridu naraw jekk u kif nistgħux nikkwalifikaw. Biss, aktar importanti minn hekk, irrid nemfasizza li f'każijiet simili ta' diżastri naturali, stat membru jkun jista' japplika biex jiġi eżentat mir-regoli ta' *state aid* għall-kumpens li jista' jingħata lill-bdiewa.

Sur President, il-qasam tal-biedja huwa wieħed mill-iktar regolati mill-qrib mir-regolamenti tal-i*state aid* tal-Unjoni Ewropea, fejn gvern ma jistax jaqbad u jagħti flus kif ġieb u laħaq. F'każijiet fejn jiġu sodisfatti kriterji li jkun seħħ temp estrem, fl-għajnuna li nagħtu lill-bdiewa u r-raħħala tagħna nkunu nistgħu niġu eżentati mill-mekkaniżmu u mis-sistemi tal-i*state aid*.

Niġi għalhekk biex insemmi b'mod speċifiku lill-bdiewa u r-raħħala u lil dawk kollha li xogħolhom u ħobżhom, ġie affetwat mill-maltempata. M'aħniex se nħalluhom waħdehom. Ilbieraħ filgħodu mill-ewwel ħabbart li se nkunu qed ngħinu lill-bdiewa, r-raħħala u anke lis-sajjieda li ntlaqtu direttament minn ħsarat li qed jaffettwa l-għajxien tagħhom u l-familji tagħhom. Dettalji dwar l-għajnuna se jitħabbru fil-jiem li ġejjin. Se jitnieda wkoll *freephone* biex noffru l-assistenza u l-informazzjoni neċessarja lill-bdiewa, raħħala u sajjieda.

Tajjeb nirrapporta wkoll li ġew rappurtati ħsarat minimi f'xi skejjel, li qed jiġu rranġati malajr, iżda ma kien hemm l-ebda periklu jew ħsarat kbar fuq l-infrastruttura tal-iskejjel li jistgħu jpoġġu lit-tfal jew lill-għalliema fil-periklu.

Qed isir assessjar sħiħ ukoll dwar xi ħsarat ġarrbu *clubs* sportivi, b'mod partikolari *clubs* tal-*waterpolo*, li huma iktar esposti għall-elementi minħabba l-baħar. Jidher li hemm ħsarat estensivi fuq uħud minnhom. Se naraw kemm nistgħu, u kif nistgħu, l-aħjar li ngħinu.

Ġew rappurtati wkoll ħsarat estensivi fuq diversi siti storiċi: il-Bighi Head Office, Ħaġar Qim, il-Forti Sant' Anġlu, it-Tempji ta' Ħal Tarxien, is-sit Tas-Silġ, l-Armerija tal-Palazz, il-Muzew Marittimu, il-Katakombi ta' San Pawl u d-Domus Romana kif ukoll xi siti f'Għawdex li ġarrbu xi ħsarat maġġuri jew minimi. Hawn ukoll trid issir stima iżda x-xogħlijiet fuq dawn is-siti beda diġà. Personalment, jien ninsab iktar inkwetat fuq l-effett tal-elementi fuq il-wirt nazzjonali u l-wirt kulturali tagħna, għax anke jekk f'xi siti ma saritx ħsara immedjata setgħu tnaqqsulhom snin ta' ħajja. Għandna naraw li ssir l-evalwazzjoni ta' dawn il-ħsarat. Fil-fatt għada, fil-kabinett beħsiebna nħarsu b'mod estensiv lejn il-wirt kulturali tagħna biex naraw dik il-ħsara. Jidher li nafu dak li sar issa, però huwa diffiċli biex nevalwaw kemm ġiet imminata l-lonġitività ta' dawn l-istrutturi, li ilhom magħna mijiet ta' snin. Ovvjament raw ħafna maltemp, imma bla dubju ta' xejn irridu naħsbu ftit fuq hekk.

Dan kollu juri l-importanza ta' manutenzjoni kontinwa fuq l-infrastruttura tal-pajjiż. Il-fatt li saret maltempata bħal din b'riħ ta' qawwa rekord li ilna ma naraw mill-1982, u fil-fatt l-infrastruttura ta' pajjiżna baqgħet relattivament soda, turi kemm huwa importanti li nkomplu bl-impenn tagħna li ninvestu fl-infrastruttura ta' pajjiżna u każijiet bħal dawn jixhdu l-bżonn li ssir din il-manutenzjoni. Ix-xogħlijiet li qed isiru f'Malta u Għawdex kollha fuq l-infrastruttura tat-toroq huwa kruċjali. Dan ifisser ukoll li mat-toroq jinbidlu anke strutturi li ilhom snin twal mingħajr manutenzjoni, bħal arbli tad-dawl u *wires* li jkunu għaddew snin twal ilu. Dan huwa wkoll parti mill-*upgrades* infrastrutturali ta' pajjiżna li qed nagħmlu fejn qegħdin inneħħu dawn *wires* imdendlin, u ngħadduhom b'sistemi minn taħt l-art. Dan iqum ħafna flus, u ma hux possibbli kullimkien huwa. Dan kollu jikkonferma l-bżonn li pajjiżna jaħdem biex ikollna *upgrade across the board* biex kemm jista' nkunu ppreparati f'evantwalità ta' maltempi simili fil-futur.

Dan ix-xogħol kollu tal-Gvern u l-għajnuna li nistgħu nagħtu xorta ma jista' qatt jieħu post l-*insurances* personali li wieħed jista' jkollu. Filwaqt li qed naħdmu madwar l-arloġġ biex nippruvaw inġibu pajjizna lura għan-normal wara l-ħsarat li seħħew, naf li għadna ma rnexxilniex nilħqu lil kulħadd. Filwaqt li qed ngħidu dan kollu, forsi baqa' mhux mijiet jew eluf, imma għexieren ta' nies li għadhom f'din is-sitwazzjoni, irridu nkomplu nempatizzaw. Għandna sitwazzjonijiet li l-Gvern ma għandux kontroll fuqhom, pereżempju persuna tista' tkun bla dawl mhux għax tkun marret il-provvista minn barra, imma dik il-persuna qiegħda bla dawl għax qiegħda f'binja fejn għadu ma tneħħiex l-ilma kollu, u ma allura ma jistgħux jidħlu l-ħaddiema. F'dan il-każ il-persuni ma tistax tħallihom waħedhom, imma trid tipprova tgħinhom kemm jista' jkun, minkejja dawn iċ-ċirkostanzi kollha. Huwa dak li qed nipprivaw nagħmlu, u qed inkunu flessibbli kemm jista' jkun. Se nibqgħu naħdmu sabiex naraw li kulħadd jiġi lura fuq saqajh malajr kemm jista' jkun.